MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Numru 673/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**JOSEPH AZZOPARDI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Azzopardi ta' 24 sena, bin Emanuel u Mary nee' Mangion, imwieled Footscray Victoria l-Awstralja fil-20 ta' Novembru 1980, u li joqghod f'New Zealand House, Ta' Laurenti Road, Buskett, Rabat. Detentur tal-Karta ta' l-identita' bin-numru 148899M gie akkuzat:

Talli fit-28 ta' Lulju 2005, u fil-granet ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kap 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' anqas minn LM100 ghad-dannu ta' Cini Service Station tal-Marsa, u diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations ohra;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diesel minghand Cini Service Station tal-Marsa u pompi tal-petrol ohra, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

6. u aktar talli, fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2005, gewwa il-Marsa, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF718 minghajr licenza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport Publiku ta' Malta kif ukoll bla ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005 l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti fl-istess Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005 wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fid-deposizzjoni moghtija mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla fis-Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005, l-imsemmi Spettur, inter alia, qal: "Nixtieq inzid Sur Magistrat ukoll illi lill-imputat Azzopardi ikkopera bis-shih mal-pulizija mill-ewwel, tista' tghid malli morna nhabbtulu mill-ewwel ammetta maghhom. Nixtieq inzid nghid ukoll illi l-hamsa u tletin lira (Lm35) li huwa ha bhala fuel fi fluz foloz ghaddiehom lili llum biex jien nghaddihom lil tal-pompa tal-petrol bhala kumpens tal-flus foloz li huwa uza f'din it-transazzjoni."

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204, l-artikoli 18, 308, 309, 310, 261(b), (e) u (f), 263, 269, 270, 278(3), 281(b) u 344 tal-Kap. 9 u is-sub-artikoli 3(1), 3(2) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla fil-bran riprodott aktar qabel f'din is-Sentenza mid-deposizzjoni tal-istess Spettur moghtija fis-Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005 u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Azzopardi ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u elf Liri Maltin (Lm1000) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum l-imputat Joseph Azzopardi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-sub-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Joseph Azzopardi milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-flus foloz esebiti rispettivament bhala Dok IA02 u Dok IA05. Ghal fini tal-imsemmija ordni ta' distruzzjoni, il-Qorti tordna li tali distruzzjoni issir a kura tar-Registratur tal-Qrati, liema distruzzjoni ghandha issir fil-presenza tal-Gvernatur tal-Bank Centrali jew rappresentant tieghu u wara tali distruzzjoni ir-Registratur tal-Qrati ghandu jippresenta rapport dwar id-distruzzjoni tal-imsemmija flus foloz, liema rapport ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza. Tordna li ir-Registratur tal-Qrati jkun notifikat b'kopja ta' din is-Sentenza.

Inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li

jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' malta, il-Qorti tosserva li mill-atti processwali ma jirrizultax li gew inkorsi tali spejjez kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-Qorti tichad din it-talba.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------